**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**-vs-**

**Mark Borg, detentur ta' karta tal-identità nru. 337784M.**

*Kumpilazzjoni Nru. 423/2018*

Illum, 22 ta' Mejju, 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Mark Borg** u ċioe` talli:

B'diversi atti magħmulin mill-imputat, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, flimkien ma persuna/i oħra mhux magħrufa, fil-fond Fort Bengħajsa, FH 3, Triq Bengħajsa, Birżebbuġa:

1. nhar it-30 t'April, 2018, għall-ħabta tat-3.30a.m.,ikkommetta serq t'għasfur tar-razza *Alexandrin*, liema serqa hija aggravata bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin Euro u sebgħa' w tletin ċenteżmu (€2329.37), bil-lok, bil-ħin u bix-xorta tal-haġa misruqa, u liema serq sar għad dannu ta' Richard Azzopardi u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

2. fl-istess data u ħin, u/jew wara it-3.30a.m., ta' l-istess jum, fl-istess lok, u/jew fid-dintorni ta' Bengħajsa, l/o Birżebbuġa, ġiegħel lill-istess għasfur misruq

isofri uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, u/jew abbanduna lill-istess għasfur;

3. nhar it-28 t'April, 2018, għall-ħabta tat-8.45p.m., mill-istess lok, ikkommetta serq ta' pappagall tar-razza *African Grey*, liema serqa hija aggravata bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin Euro u sebgħa' w tletin ċenteżmu (€2329.37), bil-lok, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, u liema serq sar għad dannu ta' Richard Azzopardi u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

4. nakkużah wkoll talli rrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi definittivi mogħtija mill-Qrati tal-Magistrati ta' Malta.

Rat li fis-seduta miżmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kodiċi, u cioe` wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hu ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried seta jerġa lura minnha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Semgħet il-prosekuzzjoni tirtira l-addebitu tar-reċidiva skond l-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat,

<u>Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024</u>.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fis-27 ta' Frar, 2024.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu kif minnu ammessi.

**Il-Piena**

Dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat, tan-natura tar-reati li qed tinstab ħtija dwarhom, tal-fatt li l-imputat biddel ir-rotta ta' ħajtu drastikament u llum jinsab f'impjieg stabbli mingħajr ma reġa' xellef dufrejgħ mal-ġustizzja, tal-fatt li għasfur ġie ritornat u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u senjatament li dan il-każ jaf il-bidu tiegħu fl-2018.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tilliberah mill-addebitu tar-reċidiva ai termini tal-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali, wara li rat l-artikoli 17, 31, 261(b)(c)(e)(f)(g); 263(a)(b); 264(1); 266(1); 267; 269(g); 270; 271(c); 278(2)(3); 279(a); 280(2) & 281(c) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 8(2) u 45(1)(a) tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta, issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, iżda bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat ieħor fi zmien tlett (3) snin millum.

Il-Qorti spjegat lill-ħati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**